MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VERONICA GALEA DEBONO**

Seduta tat-13 ta' Jannar, 2009

Talba Numru. 1907/2005

Joseph Vella.

Vs

Joseph u Jane konjugi Catania.

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur qed jitlob il-hlas ta' l-ammont ta' elf u erba mitt lira Maltin (Lm1400) minghand il-konvenuti, rapprezentanti valur ta' xoghlijiet li saru fuq mithna tal-hadid kostruwita mill-attur fil-proprjeta' tal-konvenuti fuq inkariku taghhom stess. Bl-ispejjes u bl-interessi legali kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenuti li eccepew illi (i) t-talba attrici hija nfondata fid-dritt u parzjalment fil-fatt stante illi l-ammont miftiehem fl-ewwel lok kien dak ta' elf lira Maltin (Lm1000) u mhux Lm1,400; (ii) illi in ogni kaz, ix-xoghol imwettaq ma sarx skond l-arti u s-sengha u ghaldaqstant sakemm dan jigi korrett kompletament a spejjez tal-attur u

ghas-sodisfazzjoni u taht direzzjoni jew ta' periti nominandi jew tal-perit tal-konvenuti, l-ammont miftiehem jibqa mhux dovut. Dan kollu jista' jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Sema' x-xhieda tal-attur Joseph Vella.

Ra d-Digriet tal-19 ta' Gunju 2006, fejn gie nominat l-AIC Valerio Schembri bhala espert tekniku sabiex jirrelata dwar il-kaz wara li jzomm access u jisma l-provi.

Ra r-rapport tal-perit tekniku AIC Valerio Schembri, mahluf fl-1 ta' April 2008.

Ra d-dokumenti kollha li gew esebiti.

Ra l-atti kollha tal-kawza.
**Ikkunsidra.**

Illi permezz tal-kawza odjerna, l-attur qed jitlob minghand il-konvenuti l-ammont ta' Lm1,400 bhala prezz dovut lilu skond kif miftiehem, sabiex jissupplixxi u jistalla mithna antika fil-proprjeta' tal-konvenuti. Skond l-istess attur, il-partijiet kienu ftehmu illi sabiex jissupplixxi l-mithna in kwistjoni, l-attur kellu jithallas Lm1000, u kellu jithallas il-prezz ta' Lm400 sabiex jarma l-mithna fil-proprjeta' tal-konvenuti. Gara li wara li l-attur wahhal il-mithna fil-proprjeta' tal-konvenuti, dawn ta' l-ahhar naqqsu milli jhallsu l-attur, peress illi kellhom xi ilmenti dwar kif kienet tqieghdet il-mtihna, u dwar xi sadid li beda hiereg.

Minn-naha tieghu, l-konvenut spjega illi l-prezz miftiehem kien dak ta' Lm800 sabiex isir kollox inkluz il-fatt illi l-mithna tigi galvanizzata. Skond hu, qatt ma kien hemm ftehim fuq il-prezz ta' LM1,400.

Illi wara li ha konjizzjoni tal-provi kollha prodotti, kif ukoll tal-kostatazzjonijiet u konkluzzjonijiet tal-perit tekniku AIC Valerio Schembri, li gie mqabbad biex jirrelata dwar il-kaz, it-Tribunal jidhirlu li l-prezz ta' Lm1000 sabiex giet supplita l-mithna, huwa wiehed gustifikat, u ghalhekk m'ghandu jkun hemm l-ebda riduzzjoni f'din il-parti tal-prezz li qed

jitlob l-attur.  Di piu, ma hemm xejn li juri li l-ftehim dwar il-prezz fil-fatt kien wiehed differenti minn dak imsemmi mill-attur.  Gjaladarba l-mithna fil-fatt giet supplita, l-attur ghandu jithallas dan il-prezz fl-intier tieghu.

L-istess ma jistghax jinghad pero, dwar il-prezz ta' Lm400 li qed jitlob l-attur, talli wahhal il-mithna, u dana ghaliex kif irrizulta b'mod car kemm mill-provi migbura, kif ukoll mill-istess konkluzzjonijiet tal-perit tekniku, jezistu xi difetti serji fit-tqeghid tal-mithna, u ghalhekk l-ilmenti tal-konvenuti f'dan ir-rigward huma gustifikati.  Il-fatt li l-mithna kellha ttella l-ilma biss bhala '*feature*', ma jfissirx li dawn id-difetti ghandhom jigu skartati, ghaliex wara kollox jekk il-konvenuti riedu l-mithna biss ghal dan l-iskop, xorta wahda allura t-tqeghid tal-mithna kellu jsir kif suppost.  Ghalhekk it-talba tal-attur ghall-hlas ta' l-ammont ta' Lm400 ma tistax tigi milqugha ghaliex ix-xoghol ma giex esegwit kif suppost u skond is-sengha w l-arti.

Illi rigward l-ilmenti tal-konvenuti dwar is-sadid, dan it-Tribunal ser jistrieh fuq il-konkluzzjonijiet li wasal ghalihom il-perit tekniku, u ghalhekk ma jhossx li ghandu jitnaqqas xejn izjed mill-prezz li qed jitlob l-attur minghand il-konvenuti.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi fl-ewwel lok jichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti, u fit-tieni lok, jilqa t-tieni eccezzjoni tal-konvenuti, u konsegwentement jilqa' t-talba tal-attur biss u limitatament, billi jikkundanna l-konvenuti jhallsu lill-attur s-somma ta' elfejn, tlett mija, u disa u ghoxrin Ewro u seba u tletin centezmu (€2329.37), ekwivalenti ghal Lm1000, bl-imghaxijiet kif mitluba fl-Avviz.  Fic-cirkostanzi, l-ispejjes kollha tal-kawza ghandhom jigu ssopportati kwantu ghal terz mill-attur u zewg terzi mill-konvenuti.

**Av. Veronica W. Galea Debono**
**Gudikant.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------